ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 18/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 30 ta' Lulju, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fis-6.30 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

ĦAL KIRKOP

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 18.1 Aġġudikazzjoni tat-Tender għall-Vann tal-Kunsill

18.1.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-evalwazzjoni dwar it-tender għall-Vann tal-Kunsill.

18.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-evalwazzjoni imħejji wara li l-evalwaturi kollha raw id-dokumenti sottomessi permezz tal-epps, minn żewġ kumpaniji.

18.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ offerti mitfugħa kienu *compliant* u għaldaqstant l-evalwaturi kienu qed jirrakomandaw li l-orħos offerent jirbaħ dan it-tender.

18.1.4 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex it-tender għall-Vann tal-Kunsill jingħata lill-offerent li tefa' c-*cheapest compliant* tender, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

18.1.5 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li dan il-vann jiġi reġistrat fuq is-Segretarju Eżekuttiv.

## 18.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.2.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

18.2.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 17 jiġifieri nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2020 fl-16:30hrs.

18.2.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:05 ta' filgħaxija.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 26 ta' Awwissu, 2020

**Mozzjoni Ref:** 098/20/9

**Mozzjoni:**

Biex it-tender għall-Vann tal-Kunsill jingħata lill-offerent li tefa' c-*cheapest compliant tender*.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 30 ta' Awwissu, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**